# Ġ 5.1 IT-TURIŻMU



**Ġ5.1.3**

Is-sehem tagħna biex inħarsu t-turiżmu.

Din il-mira ssaħħaħ il-valuri fit-tfal; x'jistgħu jagħmlu huma, aktar milli x'suppost jagħmel ħaddieħor.

Riċerka ta' Etienne Vella – Għajnsielem

## A. It-turisti ma jibqgħux jiġu Malta jekk meta jiġu jsibu:



- Ambjent maħmuġ,
- Toroq mimlijin skart, ħmieġ u rwejjaħ
- Ħitan sprejjati u mwaqqa'
- Monumenti mkissrin u sprejjati
- Tabelli tat-traffiku mgħawġin jew maqlugħin
- Bankijiet migrufin
- Nuqqas ta' faċilitajiet sportivi (*tennis courts, golf course, gyms*)
- Lukandi maħmuġin
- Kampanja u għelieqi mimlija *fridges, cookers* u tankijiet
- Ma jingħatawx servizz tajjeb fil-lukani
- Nuqqas ta' mezzi ta' transport (bus, taxi)
- Imġieba ħażina mingħand xufiera, sidien tal-ħwienet, lukandi.
- Nitolbuhom prezz aktar għoli għal oġġetti/servizzi għax huma turisti
- Nidħku bihom meta jintilfu minflok ngħinuhom.
- Prezzijiet għoljin
- Ma nkellmuhomx bil-ħlewwa
- Nidħku bihom meta naraw xi ħadd ta' kulur tal-ġilda differenti jew ilbies differenti.

## B. Aħna x'nistgħu nagħmlu?



- Int ukoll bħala student tista' tagħmel xi ħaġa biex it-turisti jibqgħu jiġu Malta. Tagħmel qatt xi waħda minn dawn li għadek kif qrajt u b'hekk tkun qed tgħin biex aktar turisti jiġu Malta.

- It-turisti għandna nkellmuh bl-edukazzjoni, bir-rispett u nuruh ħlewwa li nafu noffru aħna l-Maltin. Għandna nagħtuh servizzi tajjeb u mill-aħjar biex jerġa jiġi f'pajjiżna.

- Ma ninsewx li t-turisti jistgħu jagħżlu minn ħafna pajjiżi oħra fid-dinja li huma sbieħ ukoll. Allura aħna irridu nagħtuhom mill-aħjar biex jagħżlu li jiġu Malta u meta jmorru pajjiżhom iħajru oħrajn jiġu Malta ukoll!

## Ċ. Fejn nistgħu nieħduhom it-turisti?

- Jaraw bliet antiki bħall-Imdina, l-Birgu u ċ-Ċittadella
- Tempji antiki bħal Ħaġar Qim
- Il-Belt Kapitali ta' Malta – Il-Belt Valletta
- Mużewijiet u Għar Dalam
- Il-Katakombi tar-Rabat
- Mawra sa Għawdex u Kemmuna
- Jaraw raħal tipiku Malti bħal Marsaxlokk
- Il-Festi tal-ibliet u l-irħula

